darba, itenni u ifaccar biex jigi mħares il jum imkaddes tiegħu; jilminta u ihedded, ta cull darba, castigħi cbar, għax dan il jum ma jigix imħares seŭŭa. Biex ma niġbdux għattul, ingibu haŭn daŭn il chelmiet, li hu ighid:—Kisu li tħarsu il jum tiegħi, għax dan hu jum imkaddes, u fiħ għandcom tatu ruħcom għall kdusija: min itabba, jigifieri min ma iħarisx il dan il jum, icun iccastigat bil meŭt. Min fdan il jum, jaħdem xi xogħol, jinkered minn fost il bniedmin l'oħra: fis-sitt ti jem l'oħra tal gimgħa aħdmu; imma is-seba' jum hu il Ħadd, il jum tal mistrieħ imkaddes, li għandcom tatuħ ll' Alla Sidcom:cull min f'dan il jum jagħmel xi xogħol, icollu il meŭt b'castig. (Esed. c.31.v.14.15.)

Aħna għedna ġà li fil ġurnata tal Ħadd għandu jistrieħ mix-xogħol biex ir-ruħ tcun tista' taħdem iżjed. Iżda, sabiex actar biċ-ċar taraŭ chemm tinsabu mkarrkin, intom li taħsbu li di 'l ġurnata hecc għażiża tigi mħarsa billi biss tbattlu mix-xogħol u b'dic il kuddiesa, li tisimgħu, araŭ chif Alla jitchellem mal profeta Ezechieli: (c.20.v.12.13.) «U jena tajthom il jum tiegħi bħala sinjal, bejni u bejnhom, li igħarrafhom li jena hu Alla sidhom, li nkaddishom, jigifieri jena iccmandajthom li iħarsu lil dan il jum, sabiex fiħ, bħala bniedmin li taŭ ruħhom Lili, huma iħaddmu il ħsibijet taħħom fil meditazzjoni tal opri tiegħi, billi ibiercu u ifaħħru chemm gid għamilt u kiegħed nagħmel għarruħhom, sabiex fis-serħan ta dan il jum, actar u actar, huma jinxegħlu bl'imħabba Lejja u b'hecc jista' jistħokkilhom li icunu ulied tiegħi, li jena Alla tal kdusija. Imma huma, jissocta haŭn igħid Alla, ġagħluni ninxtegħel bil killa; huma ma mxeŭx fit-triek tal cmandamenti tiegħi; ma riedux jafu bil Ligi tiegħi, u ipprofanaŭ il jum tiegħi; għalhecc, immela, jena rsolvejt li fukhom inŭaddab u nxerred in-nirien tal killa tiegħi, u li nekridhom.»— Ifhmuhom seŭŭa daŭn il chelmiet t'Alla, intom li fil jum tal Ħadd ma tridux tafu u la b'opri tajba, la bi smieħ ta priedchi, ankas bi cnejjes, għax daŭn il ħŭejjeġ huma għalicom telf ta żmien u diek ta kalb: u il hena ta kalbcom issibuħ fil bŭieb tad-djar, fil ħŭienet, fiż-żjajjar, u f'daŭc l'eluf ta passatempi, li, illum il ġurnata, iddemonju ma sħabu u ma uliedu kiegħed jakla u jivvinta biex jigi micsur u ipprofanat da 'l cmandament hecc cbir u hecc għażiż, li Alla tant irid li jigi mħares.

Imma, chemm jiflaħ il bniedem iġib ruħu ta ngrat u ta sfaċċat m'Alla! Ŭara li igħaddi il ġurnata tal Ħadd fil ġlied m'Alla, u fiha jati kima lid-demonju, jisbaħ, l' għada, jippretendi li Alla, ma tul il gimgħa, jiprovdilu ix-xogħol, u ixerred il barca u ir-riżk fuk in-negozju tiegħu!

(*Jissocta*) S.A.S.

## Id-Dar tiegħi.

*Domine, dilexi decorem domus tuæ......*

Alla kâl: *Id-Dar tiegħi tissejjaħ dar taltalb* (DOMUS MEA DOMUS ORATIONIS VOCABITUR); u, jecc nokogħdu niflu x'isir geŭŭa il Cnejjes tagħna, insibu li mhux priedca ŭaħda, imma *qŭaresimal* shiħ jista' u hemm bżonn isir fuk dan it-test. Imm'aħna m'aħniex Kassisin u ma jixrakx nieħdu ix-xogħol u il mêrti ta ħadd ieħor. Mela, mhux priedca sejjrin nagħmlu: iżda sejjrin ngħidu fattijet, li cull ħadd jarahom b'għajnejħ cull jum, għad li ħadd ma imidd idejħ biex jekridhom.

"Mulejja, jena ħabbejt il ġieħ tad-dar tiegħec...."

Mita conna, l'aħħar darba, Firenze u Livornu, fettlilna nżuru is-Sinagogħi (il Cnejjes) tal Lhud: dic ta Livornu ftit iċchen mil Cnisja tal Mosta u bħalha ġdida u sabiħa. U bkajna mgħaġġbin mita rajna il ktajja tal Lhud, għonja mill'akŭa ta Livornu u fkar mill'iżjed imgebbdin, jinfirdu fuk izzuntier minn xulxin, għalavolja nies ta li stess familja, biex ir-rgiel u it-tfal subien jidħlu minn bieb u in-nisa u il bniet jidħlu minn ieħor. Dħalna maħħom, ħalli naraŭ chif jokogħdu hemm geŭŭa; u sibna li irrgiel jokogħdu għalihom fil cursija tal cnisja (mhux fuk siġġijet imdaŭŭrin lejn ix-xlocc u lejn il majjistral, cull-ħadd chif jakbillu, imma fuk banchijet imkassmin f'żeŭġ ringhieli mal cursija collha, b'passaġġ f'nofshom—banchijet ħfief, ilekku bl'indafa, imŭaħħlin mal art u cull post taħħom fiħ mhux biss fejn tpoġġi idejc u riġlejc, imma saħansitra caxxun ċchejchen fejn tkiegħed il ctieb tat-talb u xi ħaġ'oħra żgħira) u in-nisa jitilgħu fuk gallarija cbira, bħal daŭc tal orgnijet tagħna, gallarija li iddur mal cursija collha, fil għoli ngħidu aħna, bejn ŭieħed u ieħor, ta rjus il pilastri, u mgħottija collha chemm hi bi grada tal ħadid (jeŭ injam, ma niftacrux seŭŭa) bħal daŭc li għandhom fil Cnejjes taħħom is-Sorijet, jeŭ, biex niftehmu aħjar, bħalma huma iż-żeŭġ orgnijet ta geŭŭa il côr ta *San Ġŭann*.

Oħ—għidt lil ħabib minn haŭn il Belt li chelli miegħi - daŭn il Lhud chemm jafu jokogħdu fil Cnisja aħjar minn'na!

U xi ngħidu għall Protestanti?.... Għal daŭn il Protestanti li għandna igħixu magħna haŭn Malta u m'humiex ħlief jibnu il Cnejjes ŭaħda f'ŭaħda?....

Ir-rgiel u in-nisa ma jinfirdux minn xulxin, bħall Lhud: imma (tistgħu taraŭhom b'għajnejcom) mindu jidħlu il Cnisja sa chemm joħorġu, ma iħarsux lejn xulxin, ma jissellmux, ma jagħmlux sinjali, ma jidħcux ŭaħda lill'oħra jeŭ ŭieħed lill'ieħor, għalavolja irrgiel jeŭ nisa bejniethom: għajnejhom fuk il ctieb jeŭ fuk il predicatur, b'sodizza cbira u b'għabra li tgħaxxkec. Fejn, imbagħd, ma għandhomx il banchijet imŭaħħlin fil post taħħom, jitlestulhom is-siġġijet minn kabel; u ŭakt il funzjoni collha ma tismax kiżt!

Dan naraŭħ ucoll mill'Ingliżi Cattolici fil Cnejjes tagħna stess...

Hemm bżonn issa ngħidu chif nokogħdu fil Cnisja aħna?....

Dari, fil Cnejjes tagħna ucoll, l'actar tarRħula, ir-rgiel chienu jidħlu minn bieb u in-nisa minn ieħor; u daŭc il bibien li bosta Cnejjes għandhom fil ġnieb saru fil bini taħħom għal hecc, biex jidħlu minnhom innisa biss. Dari, ŭakt il funzjonijet, il Cappillani jeŭ xi Sacerdoti oħra mibgħutin minnhom, chienu joħorġu mil côr u iduru daŭra bil kajla mal Cnisja, biex jistħarrġu icunx hemmx xi taħlit ta rgiel ma nisa! Dari—u dan sa ftit snin ilu—il Cappillani ta certi bnadi chienu javżaŭ minn fuk l'Artal li ma iridux nisa kalb ir-rgiel u rgiel kalb in-nisa

Imm' issa, b'li scuża tal progress u tal educazzjoni, jeŭ aħjar bis-saħħa tal môda u tan-nukkas tal kima lejn id-Dar t'Alla, biex ma ngħidux ċar u tond imħabba li sfaċċatagni, sirna ħallata ballata—fi cnisja u fi platea ta teatru jeŭ f'sala ta cażin collu xorta!

Dan għal dac li hu taħlit tan-nies. U xi ngħidu, fl'aħħarnett, għall'imgiba tagħna?...

It-taksim u il ġbir tas-siġġijet sejjer dejjem, b'passiġġjar continŭu f'nofs il cursija ta daŭc li għandhom l'appalt taħħom, u la jimpurtahom jecc hemm is-Santissimu espost fil Maggjur u inkas jecc is-Sacerdot kiegħed jicconsagra! Dan hu l'eŭŭel għaj!

Targa, in-nies jokogħdu bil-kiegħda f'nofs il Cnisja: u in-nisa specjalment, ta cull żmien, għalavolja xbejbiet ħfief daks il għasafar u ibiegħu is-saħħa, ma jissograŭx jokogħdu għar-rcopptejhom mument kabel il Consagrazzjoni u mument ŭara: jaħtiegħlec tisma' storbju ta siġġijet maċ-cencila tal kanpiena li tati is sinjal tal Consagrazzjoni(*) u storbju ieħor malli is-Sacerdot ipoġġi il Calci fuk l'Artal! Għarucaża cbira! Mis-*Sanctus* sal *Elevazzjoni* inkas il Papa ma jista' jokgħod bil-kiegħda jeŭ bil-ŭiekfa; u aħna naraŭ fil kuddies cantat, li mas-*Sanctus* il Cleru collu ta geŭŭa il côr, mil Monsinjuri sal iċchen Abbati, jixteħet għarrcopptejħ! M'hemmx scużi ta debbulizza, ta mard, ta xjuħija: min ma jiflaħx tas-seŭ, għandu iŭarrab f'rocna, mhux jibka' minsub hemm bil-kiegħda f'nofs il cursija, b'nukkas cbir lejn is-Sagrament u bi scandlu ta cull min jifhem! Hecc ucoll mita icun espost is-Santissimu għall'Adorazzjoni, ħadd u ħadd, bl'ebda scuża, ma jista' jokgħod bilkiegħda kuddiemu jeŭ taparsi bis-siġġu ta taħtu nitfa immejjel il kuddiem, li chemmchemm m'hux agħar minn bil-kiegħda, għax, barra min-nukkas tal kima lejn Alla, dic, specjalment għan-nisa, m'hix kagħda xierka....

Ilu xi gimgħa, conna fi Cnisja kiegħdin nisimgħu kuddiesa. Il cursija chienet mimlija bħal sala ta teatrin bin-nisa bil-kiegħda collha. Infetaħ it-tabernaclu tal Cappella, ingieb is-Sagrament fil Maggjur, tkegħdet l'Ostja Mkaddsa f'li sfera taħha, tcantat il *Pange lingua....* u ma chienx hemm mara minn daŭc collha li indenjat ruħha tinżel għar-rcopptejha fl'art seŭŭa! Għarucaża cbira!

Ma ngħidu xejn għall giri minn banda għall'oħra—għat-tislim lil xulxin—għas-sinjali mil bgħid humiex ħiergin flimchien—għall conversazzjonijet sħaħ (il ŭaħda bilkiegħda u l'oħra għar-rcopptejha ma genbha, donnha kiegħda tkerr għandha) li inkas icunu jafu iżjed fejn ŭasal il kassis fil kuddiesa—u għall cumplimenti tas-siġġijet: f'dan jonkos cull-ħadd: ir-rgiel ucoll, imma in-nisa ŭisk actar: mentri, geŭŭa il Cnisja, inkas

---

(*) Ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, D.D., M.A., Ceremonier tal Iskof, chien fisser darba fil *Ħabib* li iċ-cencila tal kanpiena ma issirx biex jokogħdu in-nies għar-rcopptejhom, għax min jisma' il Kuddiesa għandu icun ilu għar-rcopptejħ tal-inkas mis-*Sanctus*, imma biex tħabbar li ŭasal il ħin tal Consagrazzjoni.

hu permess li inħarsu lejn Sacerdot għaddej mingħajr abiti sagri jeŭ li nersku ibusulu idejħ. Imma irridu, fuk collox, nipprotestaŭ ruħna fuk l'abbuż ta daŭc li jatu daharhom lill' Artal tas-Sagrament, biex iduru igħidu xi curunella kuddiem xi kaddis, jeŭ biex jisimgħu xi kuddiesa f'Artal ieħor, jeŭ biex jinvistaŭ il *Via Sagra*!

Chemm aħna l'ura, x'ŭaħda din! Il Cnisja hi *id-Dar t' Alla*: tiegħu biss: u il Kaddisin saru Kaddisin għax kaddishom Hu! Fiħ, mela, għandu icun ħsiebna; u, biex natu gieħ lil *xbiħa* (xbiħa, fhimtu?) ta kaddis, ma għandniex ninseŭ li fit-tabernaclu hemm Alla stess, bir-ruħ u il gisem tiegħu, Gesù Cristu in-nifsu, mhux *xbiħa* tiegħu!

*Dun Paŭl* (Monsinjur Galea) u Chittieba oħra tagħna għallmu ħafna fil *Habib* fuk il *Galateŭ Mkaddes*, jigifieri fuk chif għandna ngibu-ruħna geŭŭa il Cnisja! Imma, billi! Sa chemm il Cappillani, u il Pirjoli, u il Capijet l'oħra tal Cnejjes ma jiddecidux li jisħku ŭaħda f'ŭaħda fuk dan in-nukkas cbir, icun żmien mitluf u cliem fir-riħ! Fuk dan jaħtieġ isiru priedchi sħaħ u sicŭit! Jaħtieġ li (chif jagħmlu fil Missjoni) ŭakt li kiegħed isir in-nukkas, ŭakt kuddiesa baxxa jeŭ ŭakt esposizzjoni, ħabta u sabta, mingħajr ħadd ma icun jistennieħ, joħroġ Sacerdot fuk l'Artal u iċanfar il Poplu! ...

Daŭn il ġranet, għażeb u xebba daħlu ŭara xulxin fi Cnisja, marru kagħdu bil kiegħda taħt pilastru, spalla ma spalla, issa igħidu chelma bis-serka u issa iħarsu lejn xulxin b'ħars li jati scandlu fi pjazza! Cenċlet il Kuddiesa, ħareġ is-Sacerdot, karben, kaddes u raġa telak għas-Sagristija, mingħajr inkas biss ma tkanklu minn chif chienu ras ma ras, bil-kiegħda dejjem....

Dan rajnieħ b'għajnejna: u ma stajniex inħarsu lejn l'Artal bla ma naraŭhom, għax geŭ kagħdu kuddiemna seŭŭa....

Aħ, chiecu dac il ħin ħareġ Sacerdot jagħmel tŭissija minn daŭc li nixtieku aħna!

---

## Tifsir fuk il Ġubleû.

(*Jissocta*)

*Pen.* Eccu, Sur Patri, illi aħna rġajna ntkajna biex incompli nistaksic fuk il Ġubleŭ imkaddes. L'aħħar li staksejtec chien fuk il Visti tal Cnejjes, illum irrid nistaksic xi ħaġa fuk il krara u't-tkarbina. Għidli nitolboc l'eŭŭelnett chif trid tcun il krara tal Ġubleŭ?

*Conf.* Barra mil carità lill fkar u'l vîsti tal Cnejjes il Papa ordna ucoll il krara għar-rebħ tal Ġubleŭ imkaddes. Din il krara trid tcun sagramentali, jigifieri krara li fiha tircievi l'assoluzjoni minn għand il Confessur, għax hecc chien jifhem il Papa mita ordna il krara tal Ġubleŭ, u għax ucoll krara mingħajr assoluzjoni ma hix krara sħiħa. L'assoluzjoni hi biċċa l'actar meħtieġa fis-Sagrament tal krar, biex irruħ taccŭista il grazzja t'Alla. Hu veru illi ir-ruħ tista' taccŭista il grazzja t'Alla per mezz tal indiema perfetta, imma il Papa ma ordnax l'indiema iżda ordna il krara. Tant hi meħtieġa il krara illi jecc l' opri l'oħra ordnati mil Papa jistgħu jiġu mibdula il krara biss li ma tistax tigi mibdula, fl'ebda opra oħra.—Minn dan naraŭ illi il krara tal precett, ta xi ŭegħda jeŭ ta xi obbligu ieħor ma hix biż-żejjed għall Ġubleŭ, għax il krara tal Ġubleŭ trid tcun magħmula għal tal lapposta. Cun naf li krara sagrilega mugħmulha ħażina ma tgħoddx għall Ġubleŭ, għax il Papa irid krara tajba. Cun af ucoll li il krara li jagħmlu x'uħud darba fil gimgħa, għalchemm biż-żejjed biex jirbħu l'indulgenzi li jakgħu ma tul il gimgħa, imma ma hix biż-żejjed biex jirbħu l' indulgenza tal Ġubleŭ, għax il krara tal Ġubleŭ, bħalma għedtlec, trid tcun magħmula għall fini tal Ġubleŭ. Mela, daŭc li ma icollhomx dnubiet mejta u l'ankas dnubiet venjali, għalavolja icunu sguri li jinsabu fil grazzja t'Alla, iridu bil fors ikerru, biex jirbħu il Ġubleŭ, għax ġaladarba il krara hi ordnata saret condizzjoni meħtieġa li minn għajrha, ma taklax.

(*Jissoota*) DUN ANTON VELLA D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

---

## SIR GJUSEPPE CARBONE.

Il gimgħa li għaddiet, ma chellniex ŭisa biex ngħidu chelmtejn fuk dan il Bniedem, li b'għerfu u b'irġulitu għamel gieħ u gid cbir lill pajjiżna: iżda ma rridux li ismu ma jibkax imfaccar fil *Habib* u għad li ftit tard nitchellmu illum fuku. Ma dan collu, katt ma hu tard biex tgħid il gid fuk kabar li jisthokklu il kima ta cull-ħadd.

Il President Carbone, li chien Cavalier Gran-Cruċ tal Ordni ta San Michiel u San Giorġ, Cavalier Commendatur tal Ordni Vittorjan u Cavalier Commendatur tal Ordni ta San Ghirgor, fl eŭŭel tnejn magħmul mir-Rejjet tal Inghilterra u fl'ieħor mil Papa—li chellu l'għola impieg u l'għola onuri tal Gvern ta Malta—li tala hecc il-fuk b'ħiltu u b'għerfu—li chien imsemmi għattalent cbir tiegħu geŭŭa Londra u geŭŭa Ruma, fejn, kuddiem il Cunsill tar-Re, bl'Ingliż, u kuddiem il Cardinal Rampolla, bit-Taljan, chien mar isostni (u rebaħ) id-drittijet tal Maltin fuk il Ligi taż-żŭieġ, mita il Protestanti rieduha scond il fini ta moħħhom—ma chien mimli xejn biħ in-nifsu. Ta serietà l'iżjed cbira bħala Avucat tal Coruna u bħala President tal Korti, chien ragel dħuli u fommu taz-zoccor fil ħajja privata.

Għad li tar-rekka fid-dmirijet tiegħu, seŭŭa fil Cunsill u seŭŭa fil Hakk, chien Patrijott cbir: ħadem dejjem biex il Gvern ma jekredx il lingŭa taljana minn Malta, għalavolja hu chien ŭira li jaf jiddefendi il caŭżi bl'Ingliż geŭŭa li stess Inghilterra; u chien jitbergħen bl'icreħ mita chien jara xi Cunsilier tal Poplu jeŭ x'Impiegat tal Gvern mil cbar imilles l'Ingliżi iż-żejjed!

Chien igħidha chif jħossha lil cull-ħadd u cull-imchien: imma minn fommu ma chienet toħroġ katt chelma li tŭaġġa il klub. Fuk collox, imbagħd, ma chienx jaf juri ħaġa b'oħra, la mal ħbieb u inkas mal għedeŭŭa—għedeŭŭa irridu ngħidu fil Politica u fil Gvern, għax hu, bħala persuna privata, ma chellux (u b'dic ir-rġulija tiegħu ma satax icollu) għedeŭŭa.

Fil qŭistjoni tal lingŭa taljana, żamm dejjem mal Poplu u ħadem għaliħ; fil qŭistjoni taż-żŭiegijet, kabeż għall Patrja u għar-Religjon; u f'bosta qŭistjonijet oħra, għad li ma chienux jidħru barra, chien hu minn taħt l'Avucat ta Malta. Min kiegħed jicteb chellu l'onur icun Cunsilier miegħu u jista' igħidu,

Inkas f'ismu stess ma chien irid csuħat u ingliżati: il Palazz, il Korti, cull-imchien, chienu isejjħulu *Sir Joseph*: imma hu, bħala Avucat tal Coruna u bħala President, saħansitra fil *biljetti di visita*, li daż-żmien sal inkas scrivan jagħmilhom bl'Ingliż, iffirma u chiteb dejjem *Giuseppe Carbone*! U il familja tiegħu, li taf chif chien jaħsibha, bit-Taljan għamlitlu il *scrizzjoni* ta fuk it-tebut.

F'chelma ŭaħda, chien cbir fil għerf, chien cbir fir-rġulija u chien cbir fl'imgiba tiegħu. Chien cbir ucoll f'meŭtu, għax, mita ħass li għaliħ chien gej l'aħħar, tafa id-dinja ŭara spallejħ bl'onuri collha li dejjem tatu u għal darba tnejn talab minn jeddu il għodda t'Alla. Anzi, ŭiddeb lil niesu li fil funeral tiegħu ma iridx tlellix u cburija.

Miet fl'14 ta dan ix-xahar, ta 74 sena. Chellu 45 sena servizz u sa xahrejn kabel meŭtu chien għadu ma ħax il pjazza. F'marzu li għadda, chien laka' b'ferħa cbira li stedina tal Iskof biex, fl'isem tal Maltin collha, imur isellem abbord lill Cardinal Ferrata, bħala Mibgħut mil Papa għall Cungress Eŭcaristicu: imma ftit ġranet ŭara corra bi csur ta rigel u ma ħareġx actar bil mixi.

Il kuddiesa li saret iċ-Cimiterju għar-ruħu malli ŭasal hemm il cadavru tiegħu, chienet ordnata minnu f'ħajtu; u l'Avviż li ma jinbagħtux coruni talbu hu ucoll lill familja tiegħu.

Alla jatiħ id-daŭl tal Genna: u il Maltin ifittxu jaħsbu biex tibka' tifchira tiegħu. Nittamaŭ li ma jiġrix chif ġara fil meŭt ta dac il cbir l'ieħor li chien jismu Paŭlu De Bonu.

## Minn gimgħa għal oħra.

*15 ta Novembru.* Ilbieraħ fl' għaxra u nofs ta filgħaxija miet Sir J. Carbone l'eŭŭel fost l'Imħallfin u President tal Kort tal Appell.

—Il Gvern, ŭara xi aħbarijet ħżiena li chellu, li hemm il gidri f'Lixandretta, li kegħda fit-Turchija tal Asja, jgħarraf li millum tcun miżmuma bħala mniġġsa scond il ligi.

—Il ġurnali ta Malta, barra xi ŭieħed, min ftit u min ŭisk collha kabżu għal imsejcnin impiegati, li geŭ milkuta mil Ligi fuk il Pensjonijet, juru li biha mux biss sejrin imorru batuti x'impiegati, imma is-Servizz u'l Caxxa ucoll, l'actar fid-Dŭana, għax l'impiegati jilħku dmirhom fuk il kalb la jafu li ŭara li jispiċċaŭ mis-servizz ma imisshom xejn.

—L'Isptar Centrali, mil 24 ta dan, coll nhar ta Tnejn, nhar t Erbgħa u nhar ta Gimgħa, issir l'iscola għal daŭc li iridu jakgħu certificat ta infermier. Il ħlas tmintax irbiegħi fix-xahar bil kuddiem.

—Ŭara li Sir Jan Hamilton, Spettur Generali tat-truppi, li jokgħod il Palazz ta Sant' Anton, jirtira mis servizz, ma għandu jilħak ħadd flocu.

*17 ta Novembru.* Il biċċa tal valiggja, li tcun ħaŭn colljum bħalma dari, għadhom ma irranġaŭhiex. Il Camra tal Cummerċ chitbet lil Gvern, trid taf jecc chellux x'offerti għaliha, għax m'hix ħlief tircievi tgħemgħim min-nies tal cummerċ. Il Gvern ŭiegibha, li fl'interess ta daŭc li kiegħdin fil ftehim miegħu u tal Caxxa ma jistax għal issa igħid xejn.

—Ilbieraħ fid-disgħa ta filgħodu ħadu iċ-Cimiterju lil Sir G. Carbone. Chif xtak hu marru miegħu niesu biss, li ricbu fil carrozzi mid-dar tal mejjet. La fiuri u la torci ma dŭar il carru. Iċ-Cimiterju chienu jistenneŭħ il Gvernatur bl'Ajjutant tiegħu, l'Ammirall, Sir J. Clauson, ta ŭara il Gvernatur, il Capijet tal Gvern, l'Imħallfin, il Magistrati u'l biċċa il cbira tal impiegati tal Korti, u cotra cbira ta Avucati Tobba u nies oħra tal professjoni. Saritlu hemm kuddiesa għal ruħu u mbagħad difnuħ kalb il ħasra ta collħadd

—Illum sar il ġuri ta dac Paŭlu Huber li f'Lulju li għadda chien spara b'revolver għas-Sur Fons Ugo Peralta. Il ġurati ħarġuħ ħati, imma sebgħa minn disgħa kalu li hu ta minn jiscusah għax chien taħt telfa cbira. Għalhecc giè iccundannat għal sitt snin biss.

*18 ta Novembru.* Il biċċa il cbira tal fregati siefru għal Egittu. Daŭc tal Flotta tal Mediterran jarġgħu icunu ħaŭn għad-disgħa tad-dieħel.

—Ħarġet ix-xniegħa li President tal Korti sejrin jagħmlu Inglis, u li il valiggja ħadit-

ha Cumpanija Griega. Imma la l'ŭaħda u ankas l'oħra ma donnhom veri.

—Is-Sinjura Hardman, li ħabbarna bil meŭt tagħha u faħħarniha għal kalb tajba li chellha fin-numru ta kabel dan, ħalliet lil Istitut ta Fra Diegu ħames mit lira.

—Il port compla illum naża mil fregati li telku għal Algier. Issa ma bakax ħlief il *Black Prince* u'l *Blenheim*, li kiegħdin it-tnejn il bacir, u tmien torpidinieri.

—Illum bida il ġurì tas-Sur Carm Lanzon, li chien Consilier u fl'Esecutiv, fuk articlu li chiteb fuk il Magistrat Fiteni u l'Avucat tal Curuna fil ġurnal *L'intransigente,* li joħorġu u jictbu hu. (*)

IL HABBÀR.

## Ma dûar id-dinja.

*Stati Uniti* (*America*)— Ŭara għaxar ti jem ta veru sajf, scoppiat tempesta, li ma ġratx minn snin ta snin.—Cleveland u Pitisburg chienu l'actar li soffreŭ—f'ħafna bliet is-silġ ŭaka m'għola xibrejn.

*Grecja*—Ŭara biża li minn mument għall'ieħor tarġa tibda il gŭerra bejn il Grecja u it-Turchija, it-telegrafu ferraħna u ħabbarna li il paci ma 'ddumx ma tcun mgħakkda.

*Inghilterra*—Fil ŭakt ta process contra is-suffragisti, mara liebsa seŭŭa xeħtet martel u tadama għall'imħallef u kamet xeŭŭiexa—il ħġieġ inchiser. Saru ħames arresti u il prim ġurat talab li issir tfittxija fuk innisa, għax ħajjithom u tal imħallef ma chienetx fis-sgur.

—Mhux l'Ingħilterra biss għamlet il cbira dimostrazzjoni navali bil fregati li rajna fil portijet tagħna, iżda ucoll Franza, li bgħatet sittax il fregata, li fit-30 tax-xahar għandhom jintakgħu ma l'ingliżi fil Pereo. Daŭna iż-żeŭġ potenzi fil ŭakt li juru il kaŭŭa taħħom, specjalment fil Mediterran, jatu xiehda tal għakda ta ħbiberija li hemm bejniethom.

—Jingħad li it-turpediniera *Spanker* incaljat f'Ras Cavallo fil costa t'Algier.

*Ruma*—Il Papa rcieva f'udienza privata l'armiralli Badger, Winslord u Beaty, li jiccmandaŭ il flotta americana, li f'dan il mument kiegħda fil Mediterran. Maħħom chien hemm ucoll 30 ufficjal, il cappellani taħħom u 150 baħri. Fl'aħħar il Papa tahom il barca tiegħu. Ŭara marru iżuru il Cardinal Merry del Val. Xi ġurnata ŭara accumpanjati minn Mons. Kennedy geŭ milkugħa mil Papa 150 baħri oħra americani u lilhom hu għamel discors.

*Messicu*—Il ħuejjeġ tal Messicu kiegħdin jitħaŭŭdu dejjem iżjed. Il General Huerta ma iridx jirrendi u scond ma jidher l'Istati Uniti ma idumux ma imiddu idejhom: ġà il Messicu hu mimli bil fregati tan-nazzjonijet collha, u il frustieri għall biża kiegħdin ftit ftit jitilku. Jingħad li il General Huerta ġranet ilu fil ŭakt li chien isuk il carrozza tiegħu, bniedem sparalu: iż-żŭiemel nafru, xeħtu bejn sakajhom dac il bniedem u minn fuku għaddeŭ ir-roti. Huerta xejn ma ġralu.

*Panama*—Il vapurett *Louise* bl'eŭŭel ufficjali kasam għall'eŭŭel darba il Canal ŭara li giè imtajjar l'aħħar blat.

*Spanja*—Ir-Re u ir-Regina ta Spanja telku minn Madrid għall Vienna sabiex iżuru l'Imperatur. Omm ir-Re u il prinċipijet collha, flimchien mal Ministru u l'Ambaxxaturi tal Potenzi, ngabru fl'istazzjon tal ferrovija sabiex isellmulhom.

---

(*) Dan il ġurì spiċċa nhar il gimgħa, fil ħdax u nofs ta bil-lejl, u il Ġurati, bil voti collha, ħarġu is-Sur Lanzun b'ħati: imma l'Avucat tal Curuna u il Magistrat Fiteni, ŭara li il ħati raġa l'ura minn dac li chien chiteb fukhom, ħafrulu; u hecc il Korti ma tatu l'ebda cundanna.

ID-DIREZZJONI.

*Terremot*—F'Lima (Perù) inħass terremot kaŭŭi li iddistruġġa għaxar irħula. Fuk 350 mietu u 1500 bakgħu bla dar. L'icraħ chien li it-terremot ġara fil ŭakt ta uragan l'actar cbir.

*Incendju*—Fuk il Fregata *Lord Nelson* li ma gietx Malta ma l'oħrajn, imma bakgħet Gibilterra sabiex isseŭŭi, scoppja incendju għan-naħa tal poppa. Billi l'eqŭipaġġ mgħejjun min-nies tar-tarzna bilġri u b'ħeffa meddeŭ idejhom, in-nar f'kasir żmien giè mitfi. Mn'Alla li chienet kiegħda isseŭŭi, għaliex hecc fukha ma chienx hemm porvli.

—Hecc ucoll il vapur spanjol *Balmes* li minn Haxana chien sejjer Cadiz, kabad; fuku chellu 103 passiġġieri. Il vapur *Pammonia* tal *Cunard Line,* imsejjaħ bit-telegrafu bla fili minn mil bgħid, salva u għabba il passiġġieri collha u għarket il *Balmes* f'Bermuda, mentri l'eqŭipaġġ baka' abbord sabiex jitfi in-nar.

*Disgrazzi*—Hemm biża cbir li il vapur *Bridgeport* intilef bl'eqŭipaġġ collu ta 42 ruħ fil ŭakt ta tempesta.

—Għerku ucoll seba' bastimenti b'304 min-nies ma tul uragan fil Lagħi (Canada).

—Ŭara trattament ta tieġ, mietu, f'kasir żmien, Parigi, il għarajjes u ħafna mil mistiednin. Il Pulizija għamlet tfittxija u nsab li il crema giet mimsusa minn idejn, li kabel chienu messeŭ bniedem marid bit-tifoide u hecc miżgħuda bil microbi, li taŭ il meŭt lil daŭc in-nies.

L.M.C.G.

NIFIRĦU

lis-Sacerdot Dun Michiel Caŭchi li minn Sagristan Maġġur tal Grotta ta San Paŭl, daŭn il ġranet giè elett Canôncu Collegjat ta l'istess Grotta, f'loc il mejjet Can. Dun Piet Xŭereb. Aħna b'daŭn iż-żeŭġ versi nifirħulu bil kalb collha, u nixtiekulu li igaŭdi dan il post hecc għoli għal bosta snin.

N.N.

## Tŭissija.

Mitlubin ngħarrfu lil min imur iżur ix-Xbiħa għażiża tal Appostlu San Taddeŭ, fil Cnisja tal Pilar, li, jecc isib il Cnisja magħluka, jista' icencel lis-Sorijet mil bieb ta ma genbha (fejn hemm ucoll imŭaħħla ma li stess bieb tŭissija bħal din) u jiftħulu bil kalb collha, f'cull ħin.

## Avvis lill'Imsieħbin fix-Xirca San Giusepp.

Nhar il ħamis li gej, 27 tax-xahar, fil Cnisja tal Geżŭiti, fis-sitta u nofs ta fil għodu, issir Kuddiesa cantata għall erŭieħ tas-Soci mejjtin. Għandu ikaddisha Monsinjur Vigarju, ŭieħed tax-Xirca, u icun hemm mużica sabiħa. Kabel il Kuddiesa joħroġ kassis ikarben, għal daŭc is-Soci li icunu iridu jitkarbnu. Nitolbu lis-Soci li jecc jistgħu ma jonksux. Nuru li il meŭt ma firditniex minn daŭc li fuk l'art conna mxierchin maħħom, u niftacru fihom bit-talb u fil għamil tajjeb tagħna, ħalli nfittxu niftħulhom bieb il Genna għall ħniena t'Alla.

## Chitbulna:

Għażiż Sur Direttur,

Nitolboc li jecc icolloc il ŭisa fil ġurnal tiegħec iggibli dan l'avvis u tiegħu ncunlec ŭisk obbligat.

W. FEURE.

Teatru Cattolicu De Paula

Nhar il Ħadd 30 ta Nov. 1913 fl'4.30 p.m.

Recita Straordinarja

Il Cumpanija Filodrammatica SAN GIORGIO taħt id-direzzjoni tas-Sur P. Pulis sejra tati

**SAN STEFANO**

MARTRI TA GERUSALEMM

*Dramm Storicu Sagru fi 3 atti ta G. Pulis.*

Ŭara issir farsa u bosta canzonetti collox bl'onestà. Daŭn ir-reciti kiegħdin isiru a beneficcju tal Cnisja Parrocchjali ta Raħal Ġdid.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

IL ĦALLIEL!

Mita tisma' dan l'isem taħseb li sejjer tara xi Dramm (jeŭ aħjar Cummiedja socjali) li ibażża; iżda hu il cuntrarju. Nhar il Ħadd li għadda rajna f'li msemmi Teatrin *bniedem* (A. Argento) li għamilha ta ħalliel biex ipatti lil min għamillu il gid (*Marianna,* O. Cumbo,u żeŭġha li ma jidhirx). Rajna ucoll jeŭ aħjar ħadna lezzjoni ŭisk sabiħa, chif min jaħkar il fkir u jisraklu demmu għandu xi ġurnata jati cont lil Alla u lis-società chif ta *Ferdinando* (C. Cassar).

Compla mbagħad jircaċċa il lezzjoni is-Sur Argento, għax għamel il parti tiegħu chif ma satax aħjar.

Il partijet secondarji geŭ magħmulha mis-Sur G. Dimech (*Stejfen*) u mis-Sur E. Camilleri (*Pietru*) u saru tajjeb ucoll. Prosit lil cullħadd u arrivederci għal xi Dramm ġdid u icbar.

VERAX.

## AVVIS.

Il Bord ta l'Istitut ta l'arti u 's-Snajja « VINCENZO BUGEJA, » msejjaħ biex imexxi il-Legat ta l'Arti u 's-Snajja sejjer jiftaħ Cors ta l'Ebanisterija (xogħol tal mastrudaxxi tal fin.)

Għalhecc cull min icun irid jidħol f'dan il Cors li għedna għandu żmien sa nhar il Gimgħa, 5 ta Dicembru li gej, sal għaxra ta fil għodu, biex jibgħat ricors lis-Segretarju ħaŭn taħt imsemmi, li għandu issetgħa li jircievih.

Cull min jirricorri irid icun imŭieled f'daŭn il gżejjer, u ma iridx icollu ankas minn erbatax il sena u ankas iżjed minn sittax, u għandu jibgħat il fidi tal magħmudija u certificat tal Cappillan jeŭ tal Pulizija, u l'ieħor tat-tabib li biħ juri li hu b'saħtu.

Min jirricorri irid icun jaf jakra u jicteb bl'inglis jeŭ bit-taljan u jinkala jitchellem ucoll b'ŭaħda minnhom; jaħtieġlu ucoll jati chelma li icompli jitgħallem bl'inglis jeŭ bit-taljan f'xi scola ta bil-lejl tal Gvern jeŭ band'oħra. Għandu ucoll icun jaf l'eŭŭel erba' regoli ta l'aritmetca.

Mill'Ufficcju ta l'Istitut ta l'Arti u'-Snajja « VINCENZO BUGEJA, » 151, Sda. Cristoforo, il Belt.

(fir:) ALF. M. MICALLEF
*Membru u Segretarju.*

5 ta Novembru 1913.

ĊAJTA.

Ŭieħed li chellu is-sengħa ta żebbieħ-il-ħuejjeġ chien imħarrec b'xhud f'caŭża cbira. Libes b'ta nhar ta festa; u mita messu, giè mgħajjat kuddiem il Korti:

Li Mħallef, chif raħ sejjer jieħu il ġurament, kallu, b'leħen żorr u għoli:

—Jecc jogħġboc, kabel taħlef għandec tinża 'l gŭanti!

Imma dac chien pront ŭiegħbu:

—Jecc jogħġboc, kabel titchellem għandec tilbes in-nuċċali!

---

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—83. Cull ħadd jati milli għandu: għal hecc ix-xitan jati taħŭid u inqŭiet, għax daŭn huma ħuejjġu

MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

*L'eŭŭel* itir, *it-tieni* jonfoħ, *collu*
min jaħdem, min igħejja bżonnu icollu.

GINU.

L'aħħar XARADA chinet:

*Int-iena—intiena.*

Ma gibuhiex, għad li chitbulna disgħa min-nies fukha, ħlief is-Sinjurina Nicolina Pons u P. P. Grixti, mil Belt; u Salvu Sciberras, mil Ħamrun.